VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,423, 8 ta' Mejju, 2015
Taqsima B

A.L. 150 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 135 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 327.433

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Kull provditur li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ma' xi linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti jeħel penali amministrattiva ta' mhux iżjed minn erbat elef euro (€4,000)."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (6) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(7) Kull meta l-Kummissjoni timponi penali amminstrattiva skont dawn ir-regolamenti, il-Kummissjoni tista' timponi penali addizzjonali li ma teċċedix il-mija u sittax il-euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għal kull ġurnata li matulha jkompli l-ksur tar-regolamenti.

(8) Il-Kummissjoni tkun responsabbli biex timponi dawn il-pieni u għall-infurzar tagħhom fuq kull persuna jew provditur li ma josservawx dawn ir-regolamenti u l-linji gwida msemmija fis-subregolamenti

(6) u (7), skont il-gravità tan-nuqqas ta' konformità u l-pagamenti mgħoddija lil dak il-provditur għall-provdiment ta' programm ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Impożizzjoni ta' penali amministrattiva

5A. (1) Il-Kummissjoni, qabel ma timponi penali amministrattiva fuq xi persuna jew provditur li jikser jew ma jkunx konformi ma' -

(a) xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(b) xi direttiva mogħtija jew deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) xi kundizzjoni ta' xi awtorizzazzjoni mogħtija skont dawn ir-regolamenti,

għandha permezz ta' ittra ġudizzjarja lill-persuna kkonċernata -

(i) tinformaha dwar il-penali amministrattiva li l-Kummissjoni tista' timponi;

(ii) tispjega r-raġuni speċifika li għaliha din il-penali tista' tiġi imposta;

(iii) tispeċifika l-ammont tal-penali;

(iv) titlob lill-provditur ikkonċernat sabiex jirrettifika l-atti jew l-ommissjonijiet kommessi minnu u, jew jippreżenta sottomissjonijiet lill-Kummissjoni fi żmien stipulat:

Iżda dan iż-żmien stipulat ma jistax ikun aktar minn għoxrin jum jew inqas minn ħamest ijiem mid-data tal-ittra ġudizzjarja:

Iżda ukoll il-persuna jew provditur, li jkun suġġett għal penali amministrattiva, għandu jingħata opportunità raġjonevoli matul dak perjodu ta' żmien li jista' jkun stipulat fl-ittra ġudizzjarja legali, sabiex jippreżenta sottomissjonijiet lill-Kummissjoni u jipproponi xi rimedji li jistgħu jirrettifikaw l-atti jew l-ommissjonijiet li l-Kummissjoni teġtieġ li jiġu rettifikati.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Fl-ittra ġudizzjarja msemmija fis-subregolament (1) il-Kummissjoni tista' timponi dawk il-kundizzjonijiet li tikkunsidra bħala raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi.

(3) Jekk il-persuna kkonċernata ssib rimedju għall-ksur imwettaq matul il-perjodu stabbilit mill-Kummissjoni skont is-subregolament (1), u bil-miktub taqbel li tosserva l-kundizzjonijiet li l-Kummissjoni tista' timponi, il-Kummissjoni għandha tieqaf milli tkompli tipproċedi:

Iżda jekk il-provditur ikkonċernat, wara li jkun intrabat bil-miktub kif imsemmi hawn fuq, jonqos milli jirrimedja l-ksur matul il-perjodu stabbilit mill-Kummissjoni skont l-ewwel proviso tas-subregolament (1) jew ma josservax il-kundizzjonijiet miftiehma bil-miktub, il-Kummissjoni għandha timponi penali amministrattiva għal dak in-nuqqas, flimkien mal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta minħabba fil-ksur innifsu.

(4) Jekk, wara li jgħaddi l-perjodu msemmi fl-ewwel proviso tas-subregolament (1), il-Kummissjoni tikkonsidra li l-persuna kkonċernata ma pprovdietx raġunijiet validi sabiex tispjega għaliex m'għandhiex tkun suġġetta għal penali amministrattiva, il-Kummissjoni għandha tipproċedi biex timponi dik il-penali amministrattiva.

(5) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan ir-regolament, fejn il-Kummissjoni jkollha evidenza *prima facie* li l-ksur -

(a) jirrappreżenta theddida immedjata u serja għall-interess pubbliku; jew

(b) joħloq jew jista' toħloq problemi ekonomiċi jew operattivi serji lil provdituri oħra jew lill-istudenti,

il-Kummissjoni tista' tqassar il-perjodi msemmija fl-ewwel proviso tas-subregolament (1):

Iżda l-persuna li kontra tagħha din il-penali amministrattiva tkun imposta għandha tingħata opportunità raġjonevoli biex tesprimi l-fehmiet tagħha u tipproponi soluzzjonijiet possibbli.

(6) Il-Kummissjoni għandha tagħti r-raġunijiet tagħha għal kull deċiżjoni meħuda taħt is-subregolament (5).

(7) Penali amministrattiva imposta mill-Kummissjoni fuq xi persuna għandha tiġi kkunsidrata bħala dejn ċivili.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "kif ukoll l-akkreditament tal-programm taħt dawn ir-regolamenti." għandhom jidħlu l-kliem "kif ukoll l-akkreditament tal-programm taħt dawn ir-regolamenti:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda applikanti li jixtiequ jġu liċenzjati bħala Ċentri ta' Tagħlim skont it-Tielet Skeda ikunu eżentati milli jfittxu li jkollhom akkreditament tal-programm fl-istess ħin li jkunu qed ifittxu li jkollhom akkreditament bħala provditur."; u

(b) fis-subregolament (5) tiegħu, minflok il-kliem "kif definit fit-Tielet Skeda:" għandhom jidħlu l-kliem "kif definit fit-Tielet Skeda.", u l-proviso tiegħu għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (e) tas-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Ċentru ta' Tagħlim:";

(b) fil-proviso tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "fil-kategorija msemmija fil-paragrafu (d)." għandhom jidħlu l-kliem "fil-kategorija msemmija fil-paragrafu (d):", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda ukoll, biex ikun eliġibli għal liċenza skont il-paragrafu (e), dak il-provditur jista' jkun kemm individwu kif ukoll korp ġuridiku.";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Il-liċenza maħruġa mill-Kummissjoni għandha tkun tawtorizza lil provditur jopera f'xi wahda jew aktar mill-kategoriji msemmija fis-subregolament (1) u, il-każ tal-kategoriji (a) sa (d), joffri programmi ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla klassifikati f'livelli speċifikati tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki.";

(d) fil-paragrafu (e) tas-subregolament (5) tiegħu, minflok il-kliem "il-programmi ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla" għandhom jidħlu l-kliem "il-programmi kollha ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla";

(e) il-paragrafu (f) tas-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (g); u

(f) minnufih wara l-paragrafu (e) tas-subregolament (5) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) kull kors li mhuwiex klassifikat mal-Qafas Malti tal-Kwalifiki offrut minn Ċentri ta' Tagħlim liċenzjati taħt il-paragrafu (e); u;".

Jemenda r-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem " "Ċentru tat-tagħlim tal-Ingliż bħala lsien barrani" ", għandhom jidħlu l-kliem " "Ċentru ta' Tagħlim" ";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem " "*Masters*" jew "ogħla" ", għandhom jidħlu l-kliem " "*Masters*", "*master*" jew "ogħla" "; u

(ċ) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem " "ċentru ta' edukazzjoni avvanzata", kif imfissra fit-Tieni Skeda", għandhom jidħlu l-kliem " "ċentru ta' edukazzjoni avvanzata" jew "ċentru ta' tagħlim", kif imfissra fit-Tieni Skeda".

Jemenda r-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fil-proviso tas-subregolament (2) tar-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "u tar-Regolamenti li jistabbilixxu l-Kondizzjonijiet Minimi Nazzjonali għall-Iskejjel." għandhom jidħlu l-kliem "u tar-Regolamenti li jistabbilixxu l-Kondizzjonijiet Minimi Nazzjonali għall-Iskejjel:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda ukoll ċentri ta' tagħlim liċenzjati taħt dawn ir-regolamenti għandu jkollhom sistema interna ta' assikurazzjoni ta' kwalità konformi mar-regolamenti tal-Kummissjoni.".

Jemenda r-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali.

8. Is-subregolament (1) tar-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "verifiki perjodiċi tal-kwalità tal-provditur u tal-programm li jsiru" għandhom jidħlu l-kliem "verifiki perjodiċi tal-kwalità tal-provditur u tal-programm għal liċenzi mogħtija taħt ir-regolament 9(1)(a) sa (d) li jsiru"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) il-verifiki perjodiċi tal-kwalità tal-provditur għal liċenzi ordnati taħt ir-regolament 9(1)(e) għandhom jinkludu ukoll verifika tal-programmi offruti skont kif elenkat fil-kundizzjonijiet tal-liċenza.".

Jemenda r-regolament 47 tar-regolamenti prinċipali.

9. Is-subregolament (1) tar-regolament 47 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħhla jkollha -

(i) persunal akkademiku; u

(ii) librerija akkademika; u

(iii) taħriġ fir-riċerka stabbli jew riċerka stabbli u attivitajiet ta' żvilupp ta' *standard* għoli;";

(b) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla tkun tipprovdi programmi li jwasslu għal kwalifiki nazzjonali li jkunu klassifikati f'tagħqid jew tal-livelli 5, 6 jew 7 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki, jew kwalifiki barranin f'livell komparabbli, mill-inqas f'erba' oqsma, u li jkollha wkoll kompetenza indipendenti fit-twaqqif tal-komponenti ta' dawk il-programmi u dritt indipendenti għall-għoti ta' lawrji fir-rigward ta' dawk il-programmi;";

(c) fil-paragrafu (f) tiegħu, il-kliem "mill-inqas f'erba' oqsma" għandhom jiġu mħassra;

(d) il-paragrafu (g) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(g) li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla tkun affiljata ma' *networks* internazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam ma' edukazzjoni ogħla u, jew riċerka u tkun tipparteċipa f'koperazzjoni nazzjonali u internazzjonali fit-tagħlim u, jew fir-riċerka:"; u

(e) minnufih wara l-paragrafu (g), kif sostitwit, tiegħu, għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda Istitut ta' Edukazzjoni Ogħla jkun jista' japplika għal status ta' Università, jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li dik l-applikazzjoni tkun fl-interess nazzjonali u twassal għat-tħaris tal-politika nazzjonali, fuq il-bażi ta' tagħqid differenti ta' kwalifiki f'edukazzjoni ogħla, li ma jkunux dawk indikati fil-paragrafi (e) u (f).".

Jemenda r-regolament 53 tar-regolamenti prinċipali.

10. Fir-regolament 53 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem " "istituzzjoni ta' edukazzjoni avvanzata", "ċentru ta' edukazzjoni avvanzata", u "ċentru tat-tagħlim tal-Ingliż bħala lsien barrani" skont dawn ir-regolamenti.", għandhom jidħlu l-kliem " "istituzzjoni ta' edukazzjoni avvanzata" u "ċentru ta' edukazzjoni avvanzata" skont dawn ir-regolamenti.".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

11. Fil-paragrafu 3(b) tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "sa u li jinkludu il-livell 6" għandhom jidħlu l-kliem "sa u li jinkludu l-livell 7".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

12. Il-Kategorija 5 fit-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Kategorija 5: "Ċentru ta' Tagħlim"

Liċenza biex topera bħala "Ċentru ta' Tagħlim" tippermetti lil provditur biex jipprovdi, bħala l-missjoni prinċipali tiegħu, korsijiet li ma jiffurmawx parti mit-tagħlim obbligatorju skont il-liċenza.

Licenza biex topera bħala "Ċentru ta' Tagħlim" ma tawtorizzax lil provditur biex jipprovdi xi wieħed mill-korsijiet jew programmi elenkati fit-Tielet Skeda, iżda dawk biss elenkati fil-liċenza nnifisha.".

Jissostitwixxi t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

13. It-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"IT-TIELET SKEDA

[Regolament 43]

KATEGORIJI TA' AKKREDITAMENT TAL-PROGRAMM

"Kors/Programm ta' edukazzjoni avvanzata"

Kors jew programm sħiħ akkademiku, vokazzjonali jew professjonali li jkun ta' edukazzjoni formali mhux obbligatorja u jkun akkreditat mill-Kummissjoni taħt dawn i-rregolamenti bħala wieħed li jwassal għal kwalifika nazzjonali klassifikata sa u inkluż il-Livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew kwalifika barranija f'livell komparabbli. Dan il-programm jissoddisfa r-rekwiżiti tal-ammont ta' xogħol mitluba mill-Kummissjoni skont il-funzjonijiet imsemmija fir-Regolamenti dwar il-Qafas Malti tal-Kwalifiki għal Tagħlim Tul il-Ħajja (L.S.327.431).

"Modulu ta' edukazzjoni avvanzata"

Parti minn "programm ta' edukazzjoni avvanzata" offrut minn provditur, akkreditat mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti, bħala modulu u li jservi biex tinkiseb, biss f'parti, kwalifika nazzjonali klassifikata sa u inkluż il-Livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew kwalifika barranija f'livell komparabbli.

"Kors / Programm ta' edukazzjoni ogħla"

Kors jew programm vokazzjonali jew professjonali li jkun ta' edukazzjoni formali mhux obbligatorja, taħriġ jew riċerka u li jkun akkreditat mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti bħala wieħed li jwassal għal kwalifika nazzjonali bit-titolu ta' Grad, Ċertifikat, Diploma jew xi titolu ieħor bħal dawk fil-Livell 5 jew ogħla tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew kwalifika barranija b'titolu bħal dawk f'livell komparabbli. Dan il-programm jissoddisfa r-rekwiżiti tal-ammont ta' xogħol mitluba mill-Kummissjoni skont il-funzjonijiet imsemmija fir-Regolamenti dwar il-Qafas Malti tal-Kwalifiki għal Tagħlim Tul il-Ħajja (L.S.327.431).

"Modulu ta' edukazzjoni ogħla"

Parti minn "programm ta' edukazzjoni ogħla" offrut minn provditur, akkreditat mill-Kummissjoni taħt dawn ir-regolamenti, bħala modulu u li jservi biex tinkiseb, biss f'parti,

VERŻJONI ELETTRONIKA

kwalifika nazzjonali fil-Livell 5 jew ogħla tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew kwalifika barranija f'livell komparabbli.

"Programm approvat ta' edukazzjoni avvanzata barranija"

Programm akkademiku, vokazzjonali jew professjonali ta' edukazzjoni formali mhux obbligatorja li jkun akkreditat minn aġenzija ta' akkreditament rikonoxxuta barranija, u li jwassal għal rikonoxximent mogħti minn provditur barrani u għal kwalifika barranija klassifikata bħala komparabbli mal-livell li jasal sa u jinkludi l-Livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki. Dan il-programm ma jwassalx għal kwalifika nazzjonali.

"Programm approvat ta' edukazzjoni ogħla barranija"

Programm akkademiku, vokazzjonali jew professjonali ta' edukazzjoni formali mhux obbligatorja, taħrig jew riċerka li jkun akkreditat minn aġenzija ta' akkreditament rikonoxxuta barranija, u li jwassal għal rikonoxximent mogħti minn provditur barrani ta' edukazzjoni ogħla u għal kwalifika barranija klassifikata f'livell komparabbli mal-Livell 5 jew ogħla tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki. Dan il-programm ma jwassalx għal kwalifika nazzjonali.".